# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tlieta u Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)*

## Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Tletin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Tletin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 kif ippreżentati. Is-Sur Anthony Buhagiar issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Korrispondenza mill-20 ta' Frar sat-12 ta' Marzu 2014.

3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Festi Esterni Trinita' Qaddisa ser jarmaw għaxar arbli fuq il- Pont ta' San Tumas biex jintramaw xi bnadar għall-okkazzjoni tal-Ftuħ Uffiċċjali tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill u dan ser ikun bla ħlas bħala rikonoxximent tal-ħidma u l-kollaborazzjoni li l-Għaqda dejjem issib mill-Kunsill Lokali tal-Marsa tul is-snin.

3.2 Is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel ġemellaġġ ma xi raħal fl-Italja billi hija aktar viċin tal-pajjiż Malti u jkun ta' aktar benefiċċju w użu billi l-Kultura hija simili. Dan kien qed jgħidu b'referenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li ċertu rħula fl-Italja wrew ix-xewqa li jagħmlu ftehim ta' ġemellaġġ ma xi raħal Malti. Is-Sur Dominic Spencer kompla jgħid li dwar finanzjament ta' dan il-ġemellaġġ il-Kunsill jista' japplika mall-Muesac. billi is-Sur Josef Azzoppardi għandu kuntatti f'din l-organizazzjoni jitlob l-intervent tiegħu biex jgħin

lill-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li s-Sur Dominic Spencer janalizza l-irħula fl-Italja li jista' l-Kunsill jibbenifika minn dan il-ġemellaġġ. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.3 Is-Sindku ppreżenta korrispondenza mis-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa fejn informa lill-Kunsill li l-prezz tal-Banda komposta minn bandisti ta' l-istess Soċjeta' flimkien ma delegazzjoni ta' bandisti mill-Banda Marija Reġina għall-okkazzjoni tal-ftuħ tal-Bini tal-Kunsill ser tiġi tiswa is-somma totali ta' sitt mitt ewro (€600) bejn iż-żewġ baned. Is-Dominic Spencer qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill m'għandhux jixtri dan is-servizz għal tali spiża iżda kien jippretendi li dan is-servizz jingħata b'xejn wara lill-Kunsill matul is-snin dejjem għen lill-Għaqdiet lokali b'mod speċjali lil dawn iż-żewġ għaqdiet. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Anthony Borġ xtaq li l-Kunsill jikkunsidra li jagħmel mafkar ddedikat lill-kittieb Juan Mamo. Huwa nforma lill-Kunsill li verbalment ikkomunika mas-Sur Borġ li ġie nfurmat li l-Kunsill tiġa semma Ġnien għal dan il-kittieb li jinsab fi Triq Kungress Marjan. Madanakollu s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li meta l-Kunsill jiddiskuti s-suġġett ismijiet tat-toroq il-Kunsill għandu jikkunsidra li jsemmi triq għal dan il-kittieb. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.5 Is-Sindku nforma lill- Kunsill li l-launching ta' l-istreaming tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Marsa li kellhu jsir illum fuq il-mezzi tax-xandir kellha titħassar minħabba mpenji oħra li kellhu l-Ministru.

3.6 Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex jikkonfermaw jekk jaċċettawx li jagħtu id-dettalji ta' l-emails u t-telefon privat tagħhom lid-Dipartiment sabiex permezz ta' din l-informazzjoni l-Kunsilliera jkunu jistgħu jieħdu servizz aħjar mid-Dipartiment. Il-Kunsilliera kollha ppreżenti taw il-kunsens lis-Segretarju biex jagħti dawn id-dettalji lid-Dipartiment.

3.7 Rigward il-possibilta' li tinħareġ sejħa għall-offerti ta' street lighting flimkien mar-Reġjun is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ma jaqbilx mall-proposta mressqa mill-Kumitat Reġjonali u d-deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fis-seduta preċedenti għandha tibqa' tinżamm. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

3.8 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jaċċetta t-talba tal-Marsa White Stars sabiex jagħmel xi toqob fi Triq is-Sebħ. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 4. ***<u>Schedule of Payments 03/2014</u>***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Is-Sur Dominic Spencer saqsa fuq l-ispiża ta' madwar erba' mitt ewro (€400) għat-toqob ta' l-arbli fix-xatt tal-Menqa li kien għoljin u s-Sinkdu wieġeb li għandu jingħata spjega fid-dettall tax-xogħol li sar. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 5. Purchase Order 3682 - 3721

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3682 sa 3721 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq l-ordnijiet tax-xogħol, is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 6. Purchase Request 2674 - 2713

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2674 sa 2713 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. Deċiżjoni tal-Kawża tal-Qorti

7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qara s-sentenza tal-Qorti dwar il-każ li l-Kunsill kien fetaħ kontra l-Gvern minħabba li l-Kunsill kien qed joffri servizz ta' tindif ta' demel u ħmieġ ieħor fl-akkwata tal-Korsa taż-żwiemel meta ma kienetx responsabilta' tal-Kunsill u li fil-fatt il-Kunsill ma kienx qed jingħata finanzjament għal dan is-servizz li kien qed jingħata mill-Kunsill sabiex iħares il-ġid u s-saħħa tar-residenti li jgħixu f'din iż-żona. Din is-sentenza ġiet mgħotija mill-Qorti wara tmien snin fejn instab li l-Kunsill kellhu raġun jitlob il-ħlas għall-ispejjez kollha li l-Kunsill kien għamel biex jissalvagwardja l-interess, il-ġid,u s-saħħa tar-residenti. Is-somma li l-Gvern għandu jagħti lill-Kunsill hija ta' sittijn elf ewro (€60,000) u li minn informazzjoni li l-Kunsill għandu jidher li l-Gvern mhux ser jappella mis-sentenza. Dawn il-flus għandhom jintużaw f'xogħolijiet f'Albertown filwaqt li s-somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000) għandha tiġi allokata fuq spejjeż li saru fil-Bini Amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. Bdil ta' Bankini f'Albertown

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona lill-membri preżenti li parti mill-flus tal-kawża li l-Kunsill rebaħ kontra l-Gvern fuq il-kawża ta' tindif fl-akkwata tal-Korsa taż-Żwiemel għandhom jiġu utilizzati għal bdil ta' bankini f'Albertown u s-somma ma tkunx aktar minn għoxrin elf (€20,000). Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. Inawgurazzjoni tal-Bini

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri preżenti li mill-Programm ta' inawgurazzjoni ma nbidel xejn minn naħa ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm) jasal il-Prim Ministru jsir id-diskors mis-Sindku wara mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Jose' Herrera u mill-Prim Ministru. Wara l-inawgurazzjoni ta' l-irħama kommemorattiva mill-Prim Ministru u jiftaħ uffiċjalment il-Bini tal-Kunsill. Ġew infurmati li l-plakek kommemorattivi, biros etc huma lesti għall-okkazzjoni filwaqt li ġew ordnati wkoll l-arma tal-faċċata tal-Kunsill li tiswa madwar elf mija u ħamsa u sittin ewro (€1165.00) u l-arbli għat-tlett bnadar tal-faċċata tal-binja li tiswa erba' mija seba'ewro u għaxar ċenteżmi (€407.10). Ġew ordnati wkoll pjanti u ornamenti oħra għall-okkazjoni. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Mistoqsijiet*

10.1 Saru diversi mistoqsijiet fosthom mis-Sur Dominic Spencer li tkellem dwar il-problema ta' traffiku fi Triq Balbi u l-konġestjoni ta' traffiku fi Triq Simpson u l-periklu iminenti li jinsab waqt il-ħin li joħorġu t-tfal mill-iskola tal-Kulleġġ Santu Wistin. Huwa ppreżenta pjanta ta' kif jista' jiġi ppropost l-immaniġjar tat-traffiku iżda ġie deċiż li tingħata kopja lill-Kunsill biex tiġi mgħoddija lill-Kunsilliera biex b'hekk tkun diskussa f'seduta oħra.

10.2 Is-Sur Anthony Buhaġiar saqsa fuq il-mera fi Triq Azzopardi. Is-Sindku wieġeb li din ma saritx minħabba li l-ħanut biswiet fejn kellha ssir il-mera ġarrab xi ħsarat ta' nar u allura ma setatx titwaħħal dak inhar .

10.3 Is-Sur Joseph Cachia saqsa jekk hemmx possibilta' li jerġa jsir it-tournament tal-futbol. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li dan is-suġġett għandu jittella' fuq agenda oħra.

## *11 . Aġġornament tal-Laqgħa*

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2014 fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (6.45pm)

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv